**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.4811 — Cetelem/Findomestic)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 190/08)

1. Fis-7 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża CETELEM S.A. ("Cetelem", ta' Franza) ikkontrolla mill-Groupe BNP Paribas S.A. ("BNPP", ta' Franza) takkwista, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll kollu ta' l-impriża Findomestic Banca S.p.A. ("Findomestic", ta' l-Italja), bħalissa taħt il-kontroll konġunt ta' Cetelem u tal-Cassa di Risparmio di Firenze S.p.A ("CRF", ta' l-Italja), permezz ta' l-akkwists ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— Cetelem: l-għoti ta' kreditu lil konsumaturi u servizzi finanzjarji oħra għal konsumaturi fi Franza u madwar id-dinja,

— BNPP: bejgħ bl-imnut, investimenti u *private banking*,

— Fondomestic: l-għoti ta' kreditu għal konsumaturi fl-Italja.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hi riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2])għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax Nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4811 — Cetelem/Findomestic, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.